MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 94/2014

**A B**

***vs***

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, illi permezz tieghu ippremettiet:

Illi r-rikorrenti zzewget lil C D (Detentur tal-Karta ta' l-Identita Numru 197348 (M)) nhar is-16 ta' April 1980, skont kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi estratt tieghu qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dok A;

Illi miz-zwieg bejn il-partijiet twieldu tlett itfal, cioe' W, M u P, ahwa D, fis-16 ta' Gunju 1982, fit-28 ta' Novembru 1984 u fl-24 ta' Settembru 1986, rispettivament skont kif jista' jirrizulta mill-kopji tal-karti ta' l-identita taghhom li qed jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok B, C u D;

Illi oltre ghall-fatt illi l-partijiet ilhom separati *de facto* sa mis-sena 1993, is-separazzjoni personali u legali bejn il-partijiet giet pronunzjata permezz ta' Sentenza moghtija mill-Qorti Civli (Sezzjoni tal-Familja) datata 30 ta' Novembru 2004 fl-ismijiet **A D illum B' vs C D**, konfermata mill-Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Mejju 2006. Kopji legali ta' l-imsemmija Sentenzi qed jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala Dok E;

Illi ghalhekk, jirrizulta li l-partijiet ilhom separati legalment minn xulxin ghal aktar minn erba' snin skond kif mehtieg mill-Ligi;

Illi llum il-gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin bhal ma ilhom issa ghal diversi snin twal, u ghalhekk ma ghad hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi inoltre, ma hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet u lanqas in konnessjoni ma wlied il-partijiet stante illi dawn huma kollha maggorenni u kienu lkoll diga' lahqu l-eta maggorenni fid-data tal-pronunzjament gudizzjarju tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet;

Illi mill-fuq premess isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mill-Ligi sabiex jgi pronunzjat il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara l-hall taz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet nhar is-16 ta' April 1980, ai termini ta' l-Artikolu 66D (2) tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffisssat minn din ail-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 66A(4) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Frar 2014;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati mis-sena 1993 u ilhom legalment separati mis-26 ta' Mejju 2006;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall ta' zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------